MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 515/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Jane Pettit K.I. 57067 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-24 ta’ Lulju 2012, li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta’ erba’ mija u sittin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€460.38), in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru (*A/C40143444)* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' erba' mija u sittin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€460,38), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2011 u numerata 3972/11, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------